**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 1 ta' Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Shaun Farrugia**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Shaun Farrugia, iben Carmelo u Marisa nee Callus, imwieled l-Pieta' nhar it- 23 t' Awwissu 1990, u residenti 66 Sir Frederick C Ponsomby Street Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 410690M

1. Akkuzat talli nhar it-30 ta' Lulju 2022, ghall-habta tat-03:00hrs f'Tas-Sliema, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sehhx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat li jaf li ma sehhx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lill-haddiema tal-Medasia Playa u lill-persuni ohra biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-propjeta taghhom meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lill-istess persuni hekk jibzghu bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi permezz ta’ xi network jew t’apparat ta’ komunikazzjoni elettroniku hedded li jaghmel xi reat jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkonsidra lil Shaun Farrugia bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-5 t’Awwissu 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta’ sentejn prigunerija u hmistax-il elf Euro multa u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation Officer Noelene Cassar u rat il-*pre-sentencing report* taghha ipprezentat fis-seduta tas-26 t' Ottubru 2022 fil-konfront tal-imputat.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

9. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u cioe fil-prezentata, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-Pulizija.

10. Ghalkemm il-fedina penali tieghu m'hix wahda netta, lanqas jista' jinghad li hija wahda allarmanti. Huwa ghandu hames kundanni minn dawn il-Qrati: kundanna li ma obdiex ordnijiet tal-Pulizija u li hedded ufficjal tal-Pulizija, ksur ta' garanzija personali, ricettazzjoni, u l-ahhar tnejn ksur tal-ligijiet tas-sanita koncernanti hwienet tal-merca.

11. Jidher li l-agir tal-imputat li wassal ghal proceduri odjerni kien kagunat mill-fatt li huwa siker waqt li kien ma shabu il-Medasia. Il-bouncer keccieh il-barra mill-post. Peress li l-imputat kien halla warajh xi affarijiet personali, talab lill-bouncer ihallih jidhol igibhom, izda skond l-imputat il-bouncer ma halliehx igibhom u kien aggressiv mieghu. B'ritaljazzjoni, l-imputat cempel lil Pulizija fejn qalilhom li fl-istabbiliment tal-Medasia kien hemm bomba. L-istabbilment kellu jigi evakwat sakemm gie accertat mill-Forzi Armati ta' Malta li ma kienx hemm bombi.

12. Ghalhekk m'hemmx dubbju li dan hu reat serju li holoq hafna xoghol u spejjez lill-Korp tal-Pulizija u lill-Armata ta' Malta. L-istabbiliment kellu jigi evakwat u maghluq ghal diversi sieghat sakemm gie accertat li ma kien hemm l-ebda perikolu. Ovvjament dan ikkaguna danni kemm lill-istabbiliment, kif ukoll lill-persuni li dak il-hin kienu qieghdin jiffrekwentaw l-istabbiliment.

13. Fil-*pre-sentencing report* taghha l-Ufficjal tal-Probation qalet hekk:

*"Pjan ta' Kura*

*Waqt it-thejjija ta' dan ir-rapport, gew identifikati numru t'aspetti f'hajjet l-imputat illi jirrikjedu attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' recidivizmu. Ghalkemm jirrizulta illi tezisti ammont ta' stabbilita f'hajjet l-ikkoncernat, jidher illi ma kinitx bizzejjed sabiex timpedih milli jkompli jxellef difrejh mal-ligi. Hekk kif stqarrew kemm Shaun u kif ukoll ommu, ikun opportun ukoll, fil-fehma tal-Ufficjal tal-Probation, illi tigi esplorata l-possibilita permezz ta' assessjar dwar jekk tezistix problema ta' anger management.*

*Ma' dawn il-fatturi, jizdied ukoll il-fatt illi Farrugia jidher li ma jafx jikkontrolla lilu nnifsu fir-rigward tax-xorb alcoholiku, u b'hekk ikun opportun jekk Shaun ifittex l-ghajnuna f'dan ir-rigward ukoll. Ghaldaqstant, Farrugia qed jigi mheggeg sabiex ifittex ghajnuna psikologika jew counselling sabiex jindirizza dawn l-aspetti problematici.*

*Rakkomandazzjoni*

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, l-Ufficjal sottoskritta qed tirrakomanda li Shaun Farrugia jinghata Ordni ta' Probation u Servizz skont l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-Ordni ghandha sservi ta' deterrent ghall-imputat, filwaqt li ssir supervizjoni xierqa. Kif ukoll permezz tal-element tax-xoghol ihossu utli ghall-beneficcju tas-socjeta, fil-waqt li jkun jista' jinghata opportunita jibbenefika mis-servizzi psikologici."*

14. Din il-Qorti hija tal-opinjoni, li f'dan l-istadju ghall-inqas, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet taghha fuq esposti, la l-imputat u lanqas is-socjeta ma hi se tiggwadanja xi haga jekk l-imputat jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva. Ikun aktar ta' beneficcju li l-imputat jitqieghed ta' Ordni ta' Probation sabiex jindirizza l-problemi f'hajtu li ghandu bzonn jindirizza biex ma jerghax ixellef difrejh mal-ligi, kif ukoll jaghmel xoghol bla hlas fil-komunita sabiex mhux biss ihossu utli imma wkoll jikkumpensa b'xi mod lis-socjeta ghad-dannu li ikkaguna.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 110(2), 251B, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-hati jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tlett (3) snin mill-lum u li jobdi ordni ta' servizz fil-kommunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal erba' mija u tmenin (480) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

(2) Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghhhom jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

16. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**